Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

27 ta' Diċembru 2011

**L-Erba' u Sittin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar l-Erbgħa, 4 ta' Jannar 2012 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jinvolvi l-installazzjoni elettrika u dwal fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.
6. Mozzjoni dwar l-ħlas tal-*Performance Bonus* lill-Impjegati tal-Kunsill.
7. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2012

Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

5 Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li ssir l-installazzjoni elettrika u dwal meħtieġa in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;**

**Billi l-unika offerta li daħlet sad-data tal-għeluq ġiet evalwata mill-istess Kunsill fis-seduta Nru. 63, skont kif jidher mill-minuti tal-istess seduta;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Mica Med Ltd skont ir-rati mnaqqsa mill-istess offerent. ".** (P/4/6/Vol III)

Robert Cutajar
**Proponent**

John Buttigieg
**Sekondant**

6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif sussegwentement emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta'** ***performance bonus*** **lill-impjegati tal-Kunsill;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2011 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2011, skont ma' jirriżulta mill-** ***Performance Appraisal Report*** **li ġie mħejji skond l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti; u**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2011, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%** ***pro rata*****, rispettivament, bħala** ***performance bonus*****, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.** (Wages)

**Robert Cutajar - Sindku**
**Proponent**

**Clayton Bartolo - Kunsillier**
**Sekondant**